MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 33333/3333

**Il-Pulizija**
(Spettur Stephen Micallef)
**vs**
**John Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Ellul ta’ 49 sena, bin Assuero u Crocifissa nee’ Grixti, imwieled B’Bugia fid-09 ta’ Mejju 1956 u residenti 19, ‘Ta’ Sweru’, Triq l-Izbark tat-Torok, B’Bugia u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 348256(M).

Talli fis-07 t’ Ottubru 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhu u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond gewwa n-numru 19, ‘Ta’ Sweru’, Triq l-Izbark tat-Torok gewwa

B'Bugia, jew bhala l-persuna li kellha f'idejha l-istess fond, b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont u talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkagunajt telf ta' kurrent ta' l-elettriku li jeccedi il-LM 100 izda mhux il-LM 500 u fl-ahhar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom liema hsara tammonta ghal-anqas minn LM 30 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezjonax li il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza.

1. Dwar il-prezunzjoni stabbilita fl-artiklu 264 (2) il-gurisprudenza tghallem li din hi 'juris tantum' kontra l-konsumatur ta' l-elettriku jew kontra minn ikun qed jigi akkuzat, pero' xorta jibqa' l-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni. S'intendi f'kazijiet bhal dawn meta jkun hemm x'jindika li jkun sar tbaghbis fl-apparat tar-registrazzjoni tal-konsum elettriku, it-telgha hija aktar iebsa ghall-imputat proprju minhabba l-prezunzjoni illi ssemmiet. (Il-Pulizija vs Edwin Scicluna, 22/9/93). Il-prezunzjoni "treggi biss sakemm ma jingibux provi kontrarji………..kif jistipula l-istess artikolu 264 (2) tal-Kapitolu 9" (Il-Pulizija vs Paul Barbara-26/5/98). Jinghad wkoll li "f'kazijiet bhal dan in ezami meta ma jkollok ebda ammissjoni certi diffikultajiet ta' apprezzament ta' provi dejjem ikun hemm u kollox jiddependi mill-assjem ta' provi diretti u indiretti, l-entita' taghhom u l-konvinciment morali li jifforma l-gudikant fl-apprezzament tieghu" - (Il-Pulizija vs Edmond Bajona, 11/10/1984). Il-kazi imsemmija gew kollha moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

2. Jinghad li fi zmien ta’ l-ispezzjoni l-akkuzat kien ilu joqghod fil-fond ghaxar (10) snin u bnieh hu. Illi skond l-espert tekniku l-arlogg tad-dawl li qed jirregistra l-konsum elettriku jinstab imwahhal ma njama li qeghda maqlugha minn mal-hajt. Kif din tmiel l-arlogg ‘l quddiem, il-konsum elettriku jieqaf milli jirregistra. Quddiem l-espert tekniku l-akkuzat jghid li jaf li kien hemm l-injama ta’ ma l-arlogg tad-dawl maqlugha, imma ma jafx li din tista’ tmiss l-arlogg tad-dawl kif ma jafx li dan jista’ jieqaf milli jirregistar. Izied li l-injama qalaghta martu “xi sentejn u nofs qabel” (seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2001) Martu xehedet li “ zewgi biss jaf x’hemm u x’ma hemmx dwar l-arlogg u l-injama……”

3. Mix-xhieda ta’ l-impjegati ta’ l-EneMalta moghtija quddiem il-Qorti jirrizulta li dawn sabu l-meter maqlugh minn postu imdendel ma’ vit:

“Ahna l-arlogg inwahhluh fuq ‘wooden board’ imbaghad jerga’ jehel mal-hajt. Dan kien maqlugh minn mal-hajt imdendel b’bicca ‘wire’ ma granpun”

4. Silvio Decelis ghamel stima dettaljata tad-dawl misruq fl-ammont ta’ Lm 303.33c.6. Il-hsara tammonta skond l-espert tekniku ghal-hamsa u ghoxrin lira Maltija (LM 25).

5. Illi f’dan il-kaz jidher illi l-akkuzat u martu qeghdin iwahhlu f’xulxin. Xorta l-imputat bhala l-konsumatur jibqa’ responsabbli hu. Jekk kien jaf li martu ghamlet xi haga (li hi teskludi) messu irraporta u mhux ihalli l-affarijiet jitwalu u jingemghu.

6. F’dan il-kaz hemm kwazi ammissjoni. Il-prezunzjoni tregi bi kbir u l-akkuzat qed jigi deciz li huwa hati.

Il-Qorti rat l-artikoli 18, 261, 263, 264, 270, 267, 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ssibu hati tar-reati msemmija f’dawn l-artikoli.

Stante l-istat tal-fedina penali ta’ l-akkuzat rat wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu ghar-raguni msemmija. Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati kif fuq intqal tilliberah that il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) minn illum. Tordnalu li fi zmien tlett xhur, jekk jidhirlu b’rati ta’ kull xahar, jhallas lil-Korpoazzjoni Enemalta l-ammont ta’ Lm 328.33c,6 (ara para 4 ta’ din is-sentenza). Il-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------